MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 2611/1998/1

**Kummissarju Elettorali Principali**

**v.**

**Melvin Farrugia**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari u sentenza ta’ l-ewwel Qorti</u>**

Dan hu appell interpost mill-Kummissarju Elettorali Principali minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Ottubru 2002, li permezz taghha dik il-Qorti

kienet cahdet it-talbiet attrici kollha, bl-ispejjez kontra l-istess Kummissarju.

Fic-citazzjoni minnu presentata, l-imsemmi Kummissarju Elettorali Principali fisser li huwa kien involut f'incident awtomobilistiku ftit 'il boghod mir-residenza tieghu, u precisament nhar is-17 ta' Gunju 1998 f'Santa Lucia, fl-inkrocju ta' bejn Triq il-Gharghar (Ghorghar[1]) ma' Triq Prinjoli. Skond l-attur, unikament responsabbli ghall-incident kien il-konvenut li, dejjem skond l-attur, kien qed isuq b'velocita` eccessiva *wrong side* waqt li kien qed jissorpassa *crane*. Dejjem skond l-attur, minhabba l-kollizjoni li sehhet, huwa sofra danni fil-vettura li kien qed isuq, u l-konvenut, ghalkemm interpellat biex ihallas, baqa' inadempjenti. Ghalhekk l-attur talab li l-Prim Awla (1) tiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Gunju 1998, (2) tillikwida d-danni kagunati lill-attur permezz ta' periti, u (3) tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Il-konvenut ikkontesta din il-kawza billi, bazikament, wiegeb li l-incident sehh tort unikament tal-Kummissarju li ma waqafx fuq l-i*Stop Sign*, filwaqt li fisser li hu kellu dritt li jissorpassa l-*crane* kif effettivament ghamel.

Kif inghad, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet tal-attur ghax irriteniet li ma giex ippruvat sodisfacentement li l-konvenut kellu b'xi mod xi tort ghall-akkadut. Dik il-Qorti, infatti, esprimiet ruhha hekk:
**"Jirrizulta li fis-17 ta' Gunju 1998 ghal habta tat-8.15am sehh incident stradali fi Triq Prinjoli, Santa Lucia. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-vettura tal-marka Hyundai Sonata, propjeta' tal-Gvern, numru ta' registrazzjoni KAB-174, uzata mill-attur Kummissarju Elettorali Principali u li kienet misjuqa mill-istess Kummissarju cioe' Carmel De Gabriele, u l-vettura tal-marka Subaru Legacy numru ta' registrazzjoni FAD-742 misjuqa mill-konvenut Melvin Farrugia u liema vettura hi proprjeta ta' missier il-**

[1] *Juniper Tree*

**konvenut cioe' ta' John Farrugia. Jirrizulta li l-imsemmi Carmel De Gabriele kien hiereg minn Triq il-Gharghar ghal gol-imsemmija Triq Prinjoli, filwaqt li l-konvenut, Melvin Farrugia kien ghaddej appuntu fi Triq Prinjoli. Jirrizulta li Triq il-Gharghar hi sekondarja fil-konfront ta' Triq Prinjoli, tant li fejn Triq il-Gharghar tisbokka fi Triq Prinjoli hemm "stop sign" u hemm sinjali mal-art li jindikaw li vettura hierga minn Triq il-Gharghar ghal fuq Triq Prinjoli ghandha tieqaf;**

**"L-attur jippretendi li l-konvenut hu unikiament responsabbli ghall-istess incident stradali. L-attur jindika fic-citazzjoni li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva u kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq waqt li kien qed jissorpassa crane. L-attur jippretendi li huwa sofra danni fl-imsemmija vettura u ghalhekk, dejjem skond l-attur, il-konvenut ghandu jigi rietenut responsabbli ghal hlas ta dawn id-danni;**

**"Il-konvenut da parti tieghu qed jeccepixxi li hu Carmel De Gabriele li ghandu jigi ritenut l-uniku responsabbli ghall-kollizzjoni in kwestjoni;**

**"Jirrizulta li it-triq fejn sehh dan l-incident cioe' Triq il-Prinjol, Santa Lucia hi triq wiesa minnn fejn jghaddu kommodament zewg karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta u hi ukoll triq fid-dritt. Jirrizulta ukoll li ghal minn ikun hiereg minn Triq il-Gharghar ghal fuq l-istess Triq il-Prinjol hemm vizwali pjuttost fit-tul u dana meta l-vettura li tkun hierga minn Triq il-Gharghar ikollha ir-roti ta' quddiem taghha fuq il-linja li hemm mal-art li timmarka s-sinjal "stop". Ma hemm ebda ostakolu ghal din il-vizwali. Jirrizulta ukoll li ma hemm ebda linji fi Triq il-Prinjol li jiddemarkaw il-karreggiati. (Ara verbal tal-access – fol.107/108);**

**"L-attur Carmel De Gabriele, dwar id-dinamika tal-incident, jghid li huwa waqaf kif wasal fuq is-sinjal "stop" li hemm fi Triq il-Gharghar fejn tisbokka fuq Triq il-Prinjol. Kif wasal fuq l-imsemmi sinjal huwa nduna li fuq in-naha l-ohra ta' Triq il-Prinjol kien**

**hemm ghaddejja minn naha tax-xellug ghal-lemin tieghu vettura goffa aktarx krejn. Ukoll malli wasal fuq l-imsemmi sinjal huwa ttawwal lejn il-lemin tieghu u kif ra li ma kienx hemm gej traffiku minn fuq l-imsemmija naha tal-lemin tieghu, u peress li fil-kantuniera fuq ix-xellug tieghi hemm hajt ta' gnien pjuttost gholi, huwa beda hiereg bil-mod lejn in-naha tax-xellug tieghu. Kif huwa beda jixref fi Triq il-Prinjol lemah karozza gejja bi speed qawwi minn fuq ix-xellug tieghu liema vettura kienet fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa ghafas il-brake u waqaf zopptu. L-attur ikompli jghid li s-sewwieq tal-vettura l-ohra baqa gej bl-istess velocita', pero' pprova jiskapulah pero huwa xorta wahda laqat il-vettura misjuqa mill-attur fuq il-quddiem taghha. L-attur qal li dan kollu hu konfermat bil-fatt li l-vettura l-ohra ma halliet ebda brake marks, pero' jghid ukoll li l-istess vettura l-ohra waqfet xi ghoxrin (20) metru boghod minn fejn sehhet id-daqqa;**

**"Da parti tieghu il-konvenut jghid li ftit qabel ma sehhet il-kollizzjoni quddiemu kien hemm crane miexi bil-mod u sejjer fl-istess direzzjoni tieghu. Il-konvenut accerta ruhu li seta jissorpassa dan il-krejn u hekk ghamel. Fil-kors ta' din il-manuvra u waqt li l-konvenut kien ser jerga jiehu postu fuq in-naha tax-xellug tat-triq, f'daqqa harget il-vettura misjuqa mill-attur minn Triq il-Gharghar. Huwa jghid li din il-vettura harget bis-sahha tant li lanqas kellu l-opportunita' li jazzjona l-brejk. Huwa ghalhekk ipprova jiskapula l-vettura misjuqa mill-attur izda l-istess vettura baqghet diehla fuq ir-rota ta' quddiem tal-karozza tieghu. Bid-daqqa din ir-rota tghawwget u ntefghet 'il gewwa u l-vettura tieghu spiccat titkaxkar ghal tul mhux hazin. Minhabba dawn il-hsarat li sofriet il-vettura misjuqa minnu l-istess vettura ma setghetx tkompli tinsaq u kellha tigi rmonkata. Il-konvenut jammetti li sabiex jissorpassa l-krejn huwa kellu jmur fuq in-naha l-hazina tat-triq u li l-habta sehhet meta in effett huwa kien fuq in-naha l-hazina tat-triq;**

**"L-attur jippretendi li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ta' din il-kollizzjoni peress li**

**skond hu l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva u kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq;**

**"Mill-provi prodotti ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Huwa minnu li l-konvenut, fil-hin li grat il-kollizzjoni, kien qieghed f'manuvra ta' sorpass. Huwa, pero', kien qed jissorpassa vettura kbira, cioe krejn, li kien ghaddej bil-mod. Ma hemm ebda indikazzjoni li l-konvenut seta kien ghaddej b'velocita' aktar mill-imissu. Il-konvenut kien ghaddej f'zona abitata u l-velocita' ma setghetx tkun ta' aktar minn 35 kilometru fis-siegha. Ma hemm ebda prova li in effett il-konvenut kien qed jeccedi din il-velocita'. Jista jinghad li dan hu konfermat mill-entita' tal-hsarat li garbet il-vettura tal-attur, liema hsarat mhux ta' entita' kbira;**

**"Barra minn hekk jirrizulta li l-konvenut kien qieghed fuq in-naha l-hazina tat-triq peress li kien qed jissorpassa krejn. Fil-hin li kien qed jghamel din il-manuvra l-konvenut ma kien qed jghamel xejn kontra l-ligi jew kontra r-regolamenti tat-traffiku. Ma hemm xejn li jimpedixxi li setghet issir tali manuvra. Jirrizulta li l-konvenut qabel ma beda jaghmel din il-manuvra, accerta ruhu li seta jghamilha. Jirrizulta ghalhekk li hu minnu li l-konvenut kien fuq in-naha l-hazina tat-triq meta sehhet din il-kollizzjoni, pero' dan kien minhabba li huwa kien qed jghamel manuvra li bilfors kellha tiehdu fuq l-imsemmija naha l-hazina tat-triq u liema manuvra tirrizulta li setghet issir u li kienet permissibli;**

**"Barra minn hekk jirrizulta ukoll, u dan skond kif ammetta l-attur, li l-istess attur qabel ma beda hiereg go Triq il-Prinjol huwa ma spezzjonax it-triq ghar-rigward ta' traffiku li seta' kien gej minn fuq ix-xellug tieghu. Jirrizulta li l-attur seta' facilment ghamel dan meta kien wieqaf fuq is-sinjal "stop:" peress li jirrizulta li hemm vizwali minghajr ostakolu fit-tul ghal fuq ix-xellug tieghu. Kieku li l-attur spezzjona it-triq fuq ix-xellug tieghu qabel ma beda hiereg, huwa seta**

**facilment jinduna li kienet gejja vettura qed tissorpassa vettura ohra;**

**“Ghandu ukoll jigi rilevat li waqt ix-xiehda tieghu l-attur f’hin minnhom jghid li waqaf zopptu fuq is-sinjal “stop” u f’hin iehor jghid li baqa niezel minn fuq l-istess sinjal bil-mod;**

**“Ghandu jinghad ukoll li il-konvenut isostni li meta grat il-kollizzjoni il-vettura misjuqa mill-attur kient miexja u ma kinitx wieqfa kif isostni l-attur. Dan ukoll jidher li hu konfermat mill-hsarat li garbet il-vettura misjuqa mill-konvenut;**

**“L-attur isostni li l-konvenut ammetta li kien ghaddej b’velocita eccessiva. F’dan ir-rigward l-attur jghid li din l-ammissjoni saret quddiem xi xhieda inkluz l-ufficjal tal-Pulizija li kien qed jinvestiga l-kollizzjoni. Il-konvenut jichad kategorikament din ic-cirkostanza u jichad ukoll li huwa kien ghaddej b’velocita’ eccessiva. L-ufficjal tal-Pulizija in kwestjoni ukoll ikkonferma li l-konvenut ma ammettiex li kien qed isuq b'velocita eccessiva. In effett fl-okkorrenza f’dan ir-rigward ma hemm xejn. Ghandu jinghad ukoll li ma tirrizulta ebda cirkostanza li tista tindika li l-konvenut kien qed isuq b’velocita’ eccessiva. Jigi rilevat ukoll li l-konvenut ukoll jallega li l-attur ammetta mieghu li kien mghaggel ghal ragunijiet ta’ xoghol;**

**“F’dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-attur pprova b’mod sufficjenti l-allegazzjonijiet tieghu. Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement pruvat li l-konvenut hu responsabbli, anke in parti, ghal din il-kollizzjoni. Konsegwentement it-talbiet kollha attrici ma jistghux jigu akkolti.”**

**<u>L-appell u konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

Fir-rikors ta’ appell tieghu l-attur ighid li l-ewwel Qorti *“…ma ghamletx apprezzament gust tal-provi imressqa miz-zewg partijiet, tal-fatti kif fil-verita` graw, kif ukoll ma ghamletx applikazzjoni ghal kollox korretta tal-ligi.”* Fl-

imsemmi rikors l-appellant fir-realta` jikkritika s-sentenza appellata biss fuq bazi fattwali, u din il-Qorti, ghakemm qrat diversi drabi r-rikors in kwistjoni, ma tistax tifhem ghal liema “applikazzjoni [mhux] ghal kollox korretta tal-ligi” huwa qed jirreferi. In fatti t-tezi ta’ l-appellant hi li l-konvenut kien qed isuq b’velocita` eccessiva, li hu (l-attur appellant) waqaf fuq l-i*Stop Sign* kif trid il-ligi u kellu jisporgi bil-mod ghal go Triq il-Prinjoli biss minhabba li jekk ma jaghmilx hekk ma jkunx jista’ jara x’ikun gej min-naha tax-xellug tieghu (cioe` minn fejn kien gej il-konvenut), u li s-sorpass ma sarx bi prudenza min-naha tal-konvenut kif huwa tenut li jaghmel.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha bir-reqqa, inkluzi r-ritratti ezibiti u l-verbal tal-access mizmum mill-ewwel Qorti, ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni li l-habta grat <u>principalment</u> minhabba li l-appellant ma zammx *a proper lookout* hu u johrog minn Triq il-Ghorghar ghal go Triq il-Prinjoli. Anke b’karozza pjuttost kbira bhalma kien qed isuq l-appellant – Hyundai Sonata – ma kien hemm verament xejn xi jzommu milli jieqaf ezatt mal-linja bajda ta’ l-i*Stop Sign* u minn hemm jara x’ikun gej mix-xellug tieghu. It-tezi ta’ l-appellant li hu kellu l-vizwali b’xi mod ostakolata – u allura kellu jisporgi fi Triq il-Prinjoli biex jesplora sew – minhabba l-hajt tal-*front garden* tad-dar li kienet fuq ix-xellug tieghu, hija mxejna mhux biss mill-imsemmija ritratti izda wkoll minn dak li ikkonstatat l-ewwel Qorti waqt l-access, u cioe`:

**“Gie konstatat li l-attur meta kien hiereg minn Triq l-Ghorghar kellu vizwali pjuttost fit-tul, bir-rota ta’ quddiem tieghu fuq il-linja tal-i*Stop Sign*. Gie inoltre konstatat li ma hemm xejn x’jostakola l-istess vizwali.”** (fol. 108).

Dan in-nuqqas ta’ *proper lookout* – li seta’ anke kien dovut ghal certa “familjarita`” ta’ l-appellant mal-inkrocju in kwistjoni – huwa korroborat minn dak li l-attur appellant stess ighid fl-affidavit tieghu ta’ l-1 ta’ Marzu 2000:

**“Meta rajt li ma kien gej xejn minn naha tal-lemin tieghi, <u>nehhejt sieqi minn fuq il-brejk</u> u peress li fil-**

**kantuniera fuq ix-xellug tieghi hemm hajt ta' gnien pjuttost gholi, komplejt indawwar bil-mod lejn ix-xellug tieghi waqt li ergajt tajt harsa hafifa lejn il-lemin tieghi u immedjatament dawwart harsti lejn ix-xellug, jigifieri 'l fejn kont ser indur."**

Fi kliem iehor, l-appellant deherlu li biex jara x'kien gej mix-xellug tieghu kellu bzonn effettivament jisporgi u jidhol go Triq il-Prinjoli – haga li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma li ma kellux ghalfejn jaghmel. Iddur fejn iddur u thares kif thares lejn il-provi, huwa car daqs il-kristall li l-appellant naqas milli jzomm *a proper lookout* u ghazel li jidhol go Triq il-Prinjoli qabel ma accerta ruhu, kif seta' facilment jaghmel, li ma kien gej xejn mix-xellug li seta' jostakolah. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha,

**"Kieku l-attur spezzjona t-triq fuq ix-xellug tieghu qabel ma beda hiereg, huwa seta' facilment jinduna li kienet gejja vettura qed tissorpassa vettura ohra."**

Kwantu ghas-sewqan ta' Farrugia, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tara li ma giex sodisfacentement pruvat li dan kien qed isuq b'xi velocita` eccessiva jew altrimenti skonsiljata ghal-lokalita`. Biex wiehed jissorpassa neccessarjament irid izid il-velocita` ghax altrimenti jispicca jimxi ma' genb il-vettura li jkun qed jissorpassa b'aktar perikolu ghal kulhadd. Mill-banda l-ohra, pero`, il-fatt li l-konvenut appellat bil-manuvra ta' sorpass li wettaq ma kien qed jikser ebda disposizzjoni espressa tal-ligi – fis-sens ta' xi regolament tat-traffiku – ma jfissirx necessarjament li huwa kien qieghed allura juza "il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja". Tali prudenza, diligenza u hsieb tajjeb ma humiex marbuta biss ma' l-osservanza ta' disposizzjonijiet espressi tal-ligi, izda hafna drabi huma marbuta ma' dawk ir-regoli ta' imgieba u kondotta li, anke jekk ma gewx tradotti f'disposizzjonijiet ta' ligi, wiehed jippretendi li ghandhom jigu osservati ghax il-buon sens jiddetta li huma regoli intizi biex jipprevjenu l-hsara. Fost dawn hemm ir-regola li meta wiehed ikun qed javvicina *junction*, il-manuvra ta' sorpass hi skonsiljata. In

fatti l-paragrafu 184 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (*Highway Code*) ighid b'mod car:

**"Taqlax vetturi ohra meta tkun qed tavviċina post ta' qsim ghall-*pedestrians*, *pelican crossing* jew *traffic lights*; triq li taghqad m'oħra; kantuniera jew liwja iebsa; il-quccata ta' għolja; post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerga' joghla f'daqqa."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Kif gie osservat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Frar 2005 fl-ismijiet ***Fogg Limited noe et v. Jesmond Ellul***, ir-raguni ghala l-*Highway Code* ighid li sewwieq m'ghandux jissorpassa meta jkun qed javvicina tali *junction* hija ovvja – mit-triq l-ohra tista' tohrog vettura li timblokka l-karreggjata tas-sorpassant – proprju kif gara f'dan il-kaz[2]. In fatti fil-kaz in dizamina, Farrugia ghalkemm seta' qaghad hafna attent li ma kien gej xejn minn faccata, ghazel li jwettaq il-manuvra ta' sorpass b'tali mod li meta jasal fejn Triq l-Ghorghar tizbokka fi Triq il-Prinjoli kien ser ikun ghadu prattikament fuq il-lemin tat-triq, cioe` ma jkunx ghadu dahal fil-karreggjata tieghu. F'dan is-sens il-manuvra ta' sorpass kienet wahda imprudenti, b'mod ghalhekk ukoll li l-appellat kien ukoll responsabbli ghall-incident, ghalkemm certament f'mizura anqas mill-appellant. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, tenut kont tad-dinamika ta' l-incident u tal-lokalita` in kwistjoni, ir-responsabbilta` ghandha tigi akkollata kwantu ghal tlett partijiet minn erbgha (3/4) lill-attur appellant u parti wahda minn erbgha (1/4) lill-konvenut appellat.

Kwantu ghal-likwidazzjoni tad-danni, din il-Qorti hi tal-fehma li ghad-dewmien biex il-Hyundai tissewwa kompletament – l-attur insista li jehodha ghand l-agent, cioe` minghand min kien xtraha, peress li kienet "ghadha taht il-garanzija" (fol. 45) – b'mod li ghal perjodu konsiderevoli huwa kellu jikri vettura ohra – m'ghandu b'ebda mod iwiegeb il-konvenut. Din il-Qorti tista' tifhem ghala l-appellant insista li jiehu l-vettura ghand l-agent,

[2] Ara wkoll ***Joseph Cassar v. Edward Ferriggi*** Qorti ta' l-Appell 13 ta' Gunju 2005.

pero` galadarba mill-punto di vista oggettiv il-vettura setghet tissewwa fi zmien iqsar minn haddiehor, l-ispejjez inkorsi fil-kiri ta’ vettura ohra ghall-perjodu itwal minn dak li kien ragjonevolment mehtieg fic-cirkostanzi ghandu jbaghtihom l-istess attur. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur hallas is-somma ta’ Lm504.05 biex tissewwa l-hsara kagunata fl-incident (somma li tinkludi r-*rust proofing*, *panel beating* u *spray painting* neccessarji – ara fol. 5 tal-process). Skond id-deposizzjoni mhux kontradetta ta’ Tonio Mizzi (fol. 98) it-tiswijiet kellhom jiehdu bejn sitt u sebat ijiem biex jitlestew. B’jumejn ohra ghax xi hsarat li setghu ma kienux evidenti meta sar is-*survey* mill-imsemmi Mizzi u bir-rata ta’ Lm11.50 ghall-kiri ta’ vettura ohra (ara Dokti B u C a fol. 6 u 7), dan iwassal ghas-somma ta’ Lm115 bhala s-somma massima li ghaliha talvolta jista’ jirrispondi l-konvenut. Ghalhekk:

Tiswijiet fil-vettura: Lm504.05 +
Kiri ta’ vettura ohra: Lm115
= Total ta’ Lm619.05

Galadarba din il-Qorti qed tirritjeni li l-konvenut kien responsabbli u ghandu jwiegeb biss ghal parti wahda minn erbgha, l-ammont li ghandu jhallas il-konvenut lill-attur huwa ta’ Lm154.80.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tipprovdi dwar l-ewwel (**1**) talba attrici billi tiddikjara li responsabbli ghall-incident kienu kemm l-attur kif ukoll il-konvenut, b’dan pero` li r-responsabbilta` qed tigi akkollata kwantu ghal tlett kwarti (3/4) lill-attur u kwart (1/4) lill-konvenut; tipprovdi dwar it-tieni (**2**) talba attrici billi tillikwida d-danni fis-somma ta’ sitt mija u dsatax-il lira u hames centezmi (Lm619.05); u tipprovdi dwar it-tielet (**3**) talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ mija u erbgha u hamsin lira u tmenin centezmu (Lm154.80), bl-interessi jibdew jiddekorru mil-lum. L-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanza ghandhom jigu sopportati fl-istess proporzjon, cioe` kwart mill-konvenut appellat u tlett kwarti mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------